# FATIMA - 75 SENA ILU - 1917 - 1992
# L-ISTATWA TAR-RUŻARJU
# 70 SENA ILU - 1922 - 1992

Minn Carmel Pace (President Onorarju)

Filwaqt li f'Ruma antika u pagana x-xahar t'Ottubru kien meqjux bħala sagru għall-alla Mars, issa huwa ddedikat lir-Rużarju Mqaddes mad-dinja kattolika kollha.
Ma dħul Ottubru, l-insara f'kull naħa tad-dinja, jitħeġġu bid-devozzjoni taghhom lejn Marija Santissima, b'mod partikulari bir-reċita tar-Rużarju Mqaddes. Dan sejjer isir iżjed u iżjed din is-sena, 1992, għax jaħbat il-75 anniversarju minn meta "Is-Sinjura tar-Rużarju" dehret ġewwa Fatima, fl-1917. Intqal minn bosta illi, ma nkunux qed neseġeraw jekk ingħidu li d-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima huma wieħed mill-akbar ġrajjiet tas-seklu għoxrin. L-awtentiċita' tad-Dehriet hi ppruvata minn mirakli spettakulari - il-miraklu tax-xemx - li għaliha jagħtu xhieda 70, 000 ruħ preżenti f'Fatima, u minn bosta oħrajn, ħafna mili 'l bogħod minn Fatima, fit-13 t'Ottubru, 1917. Kif tatna xhieda l-Madonna stess, ir-Rużarju huwa talba l-akbar għażiża għall-qalb bla tebgħa tagħha. Tant hu hekk illi, ftit jiem oħra, jew biex inkun preċiż, bħal nhar it-Tlieta 13 t'Ottubru, 75 sena ilu, il-Madonna kellha l-aħħar dehra lit-tfal ġewwa Fatima, fejn wieġbet hekk lill-Luċija. "F'din id-dehra tagħha, il-Madonna kellha kuruna tar-Rużarju f'idejha. Mela, ejjew, lill-Madonna nitlobuha kif trid Hi....bir-RUŻARJU.
Ma jistax jonqos li dawn id-dehrie, ma ħallewx impatt kbir fuq l-insara kollha speċjalment fejn id-devozzjoni lejn ir-Rużarju hija antika ħafna, bħal fir-raħal tagħna. Għandu mnejn dawn id-dehriet ta' Fatima 75 sena ilu, b'ħafna ingredjenti fuq ir-Rużarju tal-Madonna, ħeġġew lill-missirjietna li jagħllu statwa ġdida tal-Madonna tar-Rużarju, flok dik li kellhom. Insibu li ħames snin biss wara d-dehriet ta' Fatima ġiet imżanżna l-istatwa tar-Rużarju. Għalhekk, billi din is-sena, 1992, din l-istatwa tagħlaq 70 sena, se nagħti xi tagħrif fil-qosor fuqha.
F'Ottubru ta' l-1921, Gio Maria Abdilla, li kien il-prokuratur tal-frattellanza tar-Rużarju, talab u akkwista l-permessi meħtieġa, permezz tal-kappillan Dun Ġużepp Spiteri, sabiex jordna statwa ġdida tar-Rużarju, flok dik li l-frattellanza tar-Rużarju kienet ordnat ghand Mestr' Anton Chircop, mill-Isla, 70 sena qabel, voldiri fl-1851.
Kienet tinsab il-familja ta' Gio Maria Galdies, Ġużeppi Dalli u l-aħwa l-oħra li aċċettaw li jħallsu l-ispejjes għaliha. Dawn kienu:- Ġużeppi Dalli, Katerina Galdies (xebba Dalli), Pankrazja Dalli, Rosaria Dalli u Antonio Dalli. Il-fratelli tar-Rużarju ġabru bejniethom il-pedistall il-ġdid, xogħol ta' l-iskultur Emanuel Buhagiar. Saret ukoll dijadema tal-fidda ghand arġentier minn Bormla (Bagħbusu).
L-istatwarju Anġlu Dalli (tas-suffari) mill-Gudja, joqgħod Ħal Tarxien, raġel intelliġenti, li kien anke il-bennej tal-faċċata l-ġdida tal-knisja tal-Gudja, aċċetta li jagħmel statwa

ġdida tar-Rużarju. L-istatwa saret u rnexxiet ħafna u ġiet meħuda għand l-induratur Ġiuseppe Farrugia ta' l-Imdina. Il-pittur ta' l-uċuh tal-Madonna u l-Bambin kien Cali' (it-tifel).

Biex gabuha mill-Imdina bosta nies telqu mill-Gudja fit-3.30 ta' fil-għodu, bil-karettuni. Fis-6.30 ta' fil-għodu, il-partitarji tar-Rużarju waslu l-Imdina. F'daqqa waħda kulħadd kien konfuż għaliex f'dak il-ħin bdiet nieżla x-xita. Kellhom jiddubbaw il-lozor u l-inċirati biex jgħattu l-istatwa. Wara tleit kwarti, it-temp beda jħeff u telqu bil-mod il-mod mill-Imdina, bl-istatwa fuq spallejhom. X'ħin waslu l-Gudja, poġġew l-istatwa fid-dar ta' Bernarda Gafa', dak iż-żmien 3, Strada Reale. L-istawa ġiet imbierka u mdaħħla l-knisja nhar il-Ħadd 4 ta' Ġunju, 1992. Fil-5 p.m., il-banda "San Andrea" ta' Ħal Luqa akkumpanjat l-istatwa bil-marċi sal-pjazza. L-Orkestra "La Stella" tal-Gudja, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Salvatore Azzopardi, daqqet l-Innu tal-Madonna, kantat minn 24 tifla u t-tenur Gio Batta Zarb. hekk il-festa spiċċat b'ferħ kbir.

Fl-1947, f'egħluq il-25 sena tagħha, l-istatwa tar-Rużarju ġiet indurata u kienu wkoll saru festi kbar, meta gabuha mill-induratura, fost ferħ kbir ukoll.

Ejjew, mela, aħna wkoll niċċelebraw b'ferħ kbir il-festa tar-Rużarju. Dan il-ferħ fina ghandu jkun ikbar mis-soltu, għax din is-sena qeghdin niċċebraw dawn iż-żewġ anniversarji:- Id-dehriet tas-"Sinjura tar-Rużarju" ġewwa Fatima 75 sena ilu u s-70 sena minn meta waslet fostna l-istatwa tar-Rużarju l-ġdida, 1922.

B'dan il-ferħ f'qalbna nitlobu lill-Madonna Kif trid Hi.......bir-RUŻARJU.

John Brownrigg

**Jeans & Jackets**
**Shirts, Sweatshirts**
**& Sports Shoes**



**Triq il-Ġibjun, Ħal-Għaxaq**
**Tel: 802653**